MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2004

Numru 646/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur Raymond D'Anastas)
**vs**
**Giuseppe Magri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Giuseppe Magri ta' 59 sena, residenti gewwa l-fond 61, Triq il-Kenn Hal-Safi, iben Guzeppi u Kunsilja xebba Busuttil imwieled Hal-Safi fl-10 ta' Settembru 1945 u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 739945(M).

Talli:
Fis-07 ta' Settembru 2000 u/jew f'xi data qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-

Pulizija, kellu fil-pussess tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu billi kellu pistola semi awtomatika, kif wkoll 97 live rounds Winchester super X22 long rifle u 50 live rounds  American Eagle . 22 long rifle.

U aktar talli fis-07 ta' Settembru 2000 ghal-habta tas-06.30 pm gewwa Triq Hal-Farrug, limiti ta' Hal-Qormi waqt li kien gie arresstat kellhu fil-pussess tieghu xi arma tan-nar, arma regolar, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari u cioe' kellhu pistola semi – awtomatika, kif wkoll 97 'live rounds' 'Winchester super xx22 long rifle u 50 'live rounds' 'American Eagle' .22 'long rifle.'

U aktar fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana talli fis-07 ta' Settembru 2000 u/jew f'xi data qabel xjentement kellhu fil-pussess u/jew that il-kontroll tieghu pistola semi-awtomatika, kif wkoll 97 live rounds Winchester super X22 long rifle u 50 live rounds American Eagle .22 long rifle, liema mportazzjoni ta' l-oggetti hawn fuq imsemmija hija pprojbita u/jew ristretta u l-valur taghhom hu ta' LM 20 u dazju Lm 1.62c, u Lm 14.70c u dazju LM1.19c.

U aktar talli fis-07 ta' Settembru 2000, u jew f'xi data qabel f'dawn il-Gzejjer xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew taht il-kontroll tieghu Pistola semi-awtomatika, kif wkoll 97 'live rounds' American Eagle .22 long rifle' u dan bi ksur ta' l-Arikolu 60 (a) (b) (c) (k); ta' l-Artikolu 62 (a) (b) (c)) (f) (g) (h) (I) (k) ta' l-Ordinanza tad-dwana kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fuq talba tal-Kummissarju tal-Vat fis-07 ta' Settembru 2000, u jew f'xi data qabel f'dawn il-gzejjer xjentement kellu fil-pussess u/jew that il-kontroll tieghu piostola semi-awtomatika, kif wkoll 97 live rounds Winchester super X22 long rifle u 50 live rounds American Eagle .22 long rifle, liema importazzjoni ta' l-oggetti hawn fuq imsemmija hija pprojbita u/jew ristretta u ghandu valur totali ta' Lm 37.51c u li fuqhom kellha tithallas Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema taxxa tammonta ghall-LM5.62c6, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata u dan bi

ksur ta' l-Artikolu 80 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998).

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li fis-seduta ta' nhar is-26 ta' Novembru 2003 l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih u reggha tenna tali ammissjoni anke wara li l-Qorti fissrietlu bi kliem semplici u car dwar xi tfisser ammissjoni u widdbietu dwar x'jistghu jkunu l-konsegwenzi ta' tali ammissjoni.

Stante ammissjoni issibu hati ta' l-akkuzi migjuba kontrih.

Rat l-art 3 (1A) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (l) (k) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta'Malta u l-artikolu 80 ta' l-Att XXIII ta' l-1998 (Kap 406).

Rat wkoll l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ser tapplika dan l-artikolu billi bejn il-partijiet illum irranga kollox u hafru lil-xulxin.

Ghalhekk tikkundanna lill-akkuzat sena prigunerija liema sentenza m'ghandiex tidhol fis-sehh hlief jekk l-akkuzat jaghmel reat fi zmien sena minn illum. Il-Qorti tordna l-konfiska ta' l-arma u tal-munizzjon.

Rat wkoll l-artikolu 28H u tordna lill-hati ihallas lill-kontrollur tad-Dwana LM 73.00 u lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud LM 5. 62.6c.

Il-Qorti qed tfisser lill-hati bi kliem semplici u car ir-responsabilta tieghu taht l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------